# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Tnejn 23 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru 297/2016**

**Perit Hector Zammit**
**vs**
**Mark Piscopo et**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi tat-18 ta' Jannar 2022;

Rat ir-risposta ta' Green Investments Limited tal-15 ta' Marzu 2022;

Rat ir-risposta ta' l-attur;

Ikkunsidrat :

Dawn il-Qrati diversi drabi jigu rinfaċċjati b'rikors ta' din ix-xorti. Sub artiklu 2 ta' l-artikolu 4 tal-Kap 372 tal-Liġijiet ta' Malta u sub-artikolu 2 ta' l-artikolu 56 tal-Kap 406 tal-liġijiet ta' Malta, huma ċari u ma jħallux lok għal ebda interpretazzjoni. La darba l-liġi tiddisponi hekk, din il-Qorti ma

tistax tagħmel mod ieħor hlief li timxi mal-ligi altriment tkun qiegħda tpoġġi lilha nniffisha'l fuq mil-liġi kontra l-prinċipju tas-saltna tal-liġi. Għalhekk il-Qorti ma tistax tordna lill-Kummissarju jagħmel dak li l-liġi tipprekludih milli jagħmel.

Is-soċjeta' konvenuta qiegħda titlob li jekk il-Qorti tilqa' t-talba tal-Kummissarju allura għandha tisfilza d-dokumenti tat-taxxa esebiti bejn is-sena 2007 sas-sena 2017 mill-attur. Apparti li kull dokument ghandu jittieħed bhala prova tal-kontenut tieghu fuq ir-responsabilita ta' min jesebiħ, bil-konsegwenzi li dan iġieb miegħu jekk dan ma jkunx minnu, lanqas ma hu ġust li minħabba dak li tghid il-ligi, l-attur ghandu jiġi mċahhad milli jressaq dokumenti bhal dawn.

Jekk is-soċjeta konvenuta Green Investment Limited ghandha riservi dwar dak li tghid il-ligi, allura għandha tirregola ruħha kif jihdrilha l-aktar xieraq.

Ghaldaqstant ghar-raġunijiet fuq premessi dawn it-talbiet tal-Kummissarju tat-Taxxi qed jiġu milqugħa u tiċhad it-talbiet tas-soċjeta' Green Investments Limited magħmula fir-risposta taghha.

**Imħallef Toni Abela**